MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 610/2014/1

**Ahmad Alshab (I.D. 407998M) u Acropolis Turnkey Co. Ltd (C40949)**

**vs**

**Edgar Tabone (I.D. 708749M) fil-kummerc, legalment separat, bin il-mejjet Nazzareno sive Charles Tabone u Ersilia nee' Lowell, imwieled il-Hamrun fl-10 ta' Settembru 1949**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ahmad Alshab u Acropolis Turnkey Co. Ltd, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti zzomm lil Edgar Tabone milli jbiegh diversi propjetajiet u dan sabiex jikkawtelaw pretensjonijiet taghhom ghall-hlas ghal xoghol minnhom rez fil-proprjetà tal-initmat.

Rat it-twegiba.

Rat id-dokumenti.

Rat l-Art. 873 li testwalment jipprovdi illi:

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza li, fil-proceduri ta' din ix-xorta, il-Qorti tillimita ruhha ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana li ezami profond tal-mertu tal-lanjanza jibqa' essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita eventwalment bil-kawza.

Dan premess, il-Qorti tqis li tnejn huma l-elementi li jehtieg li jissussistu sabiex ikun gustifikat il-hurg ta' mandat ta' inibizzjoni, id-dritt vantat u l-pregudizzju.

Jirrizulta lill-Qorti mad-daqqa t'ghajn illi l-intimat kien inkariga lir-rikorrenti biex jesegwixxi xogholijiet fuq proprjetà li qeghda tigi zviluppata mill-istess intimat. Il-kuntratt ffirmat bejn il-partijiet jipprovdi illi x-xoghol jigi meqjus lest meta jinhareg "certificate of completion". Huwa meta jinhareg dan ic-certifikat li jiskatta l-obbligu ghall-hlas. Dan ic-certifikat ma jidhirx li gie redatt. Inoltre, l-intimat ipprova b'dokumenti illi ammont sostanzjali ta' €52,000 diga thallas lir-rikorrent.

Ghar-rigward tas-self ta' €10,000, galadarba jirrizulta li c-cheque ta' €10,000 ghall-hlas qatt ma gie pprezentat ghat-tisrif il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni li ma giex onorat mill-Bank m'ghandhiex mis-sewwa.

Il-Qorti fic-cirkostanzi tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw ir-rekwiziti tal-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-24 ta' April 2014 u tichad it-talba kontenuta fir-rikors li jgib l-istess data.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Digriet >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------